31995R1528

30.6.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 148/3

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1528/95 tad-29 ta' Ġunju 1994 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1766/92 dwar l-organizzazzjoni tas-suq fiċ-ċereali

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi l-introduzzjoni, fin-negozjati kummerċjali multilaterali tar-*Round* ta' l-Urugwaj, ta' dazju fiss fuq l-importazzjoni li ħa l-post ta' imposta varjabbli neħħiet l-importanza tal-prezz tal-mira; billi, irid jitneħħa;

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali (4) 0 għandu jiġi emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 il-paragrafu 1 għandu jiġi mħassar.

*L-Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mis-sena tas-suq 1995/96.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 Ġunju 1995.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BARROT

---

(1) ĠU C 99, tal-21.7.1995, p. 1.

(2) ĠU C 151, tad-19.6.1995.

(3) ĠU C 155, tal-21.6.1995, p. 21.

(4) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992. 1968, p. 21. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 (ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105).